**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 453/2021 AGV :**

**JC**

**vs**

**MR**

**Rikors Ġuramentat ta' JC detentur tal-karta tal-identità bin-numru 112664M datat 1 ta' Ottubru 2021 fejn** espona bir-rispett u bil-ġurament ikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-14 ta' Mejju tas-sena 1988 ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' Ta' Xbieb (Kopja vera taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.A');
2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, N, li llum laħqet l-età maġġorenni;
3. Illi l-partijiet ilhom separati *de jure* permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni sa mill-24 ta' Lulju tas-sena 1995 lhiema kuntratt ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li huwa fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa (Kopja vera tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.B');
4. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet *stante* illi huma ilhom ma jgħixux flimkien għal aktar minn 16-il sena;
5. Illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;
6. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Illi ma' dan ir-rikors, qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nnifsu (Affidavit qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.D');

**Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent umilment qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar l-14 ta' Mejju tas-sena 1988;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti rat li l-konvenuta msejjha tlett darbiet ma deheritx u giet debitament notifikata, u hija meqjusa kontumaci.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**